# Naxxarin vittmi tan-nar tul is-snin




Tul il-medda taż-żminijiet, in-Naxxar b'modi u okkażjonijiet differenti dejjem għaraf u rrikonoxxa lil dawk l-ulied denji tiegħu li b'ħilithom u ħidmiethom stinkaw b'risq raħal twelidhom. Huwa proprju għalhekk li s-Soċjetà tagħna llum ħasset id-dmir li tfakkar u tonora l-memorja tal-vittmi tan-nar. 12-il wild ta' dan ir-raħal li ħallew ħajjithom traġikament minħabba l-passjoni li kellhom fil-logħob tan-nar u l-imħabba lejn il-patruna għażiża tagħna, Marija Bambina.

Kien sewwasew bħal-lum ħamsin sena ilu, meta b'diżgrazzja nħasdet il-ħajja tat-tliet ħutna, Francis Scicluna, Costantino Azzopardi u Peter Bonavia. Kien f'Mejju tal-1969, sentejn qabel, li ħalliena Karmnu Mifsud (*Ta' Pilaw*) u għalhekk f'sentejn ir-raħal u s-Soċjetà tagħna kienu tilfu erba' minn ħuthom fil-fjur ta' ħajjithom. Wieħed irid jirrikonoxxi li dawn l-individwi, flimkien mal-familjari tagħhom, għamlu sagrifiċċji kbar biex jippratikaw din il-passjoni u kien għalhekk li l-Kumitat tas-Soċjetà, flimkien mad-Dilettanti tan-Nar fi ħdanha, ħassew id-dover li jfakkru lil dawn ħutna Naxxarin li ħajjithom kellha tintemm ħesrem kawża tad-delizzju u l-passjoni tagħhom.

Wara li seħħew dawn id-diżgrazzji, kienu bosta dawk li ttamaw li dan il-kapitlu mdallam kien intemm darba għal dejjem, iżda kellu jkun 37 sena wara, fit-12 ta' Marzu 2008 fejn seħħet traġedja ta' natura differenti li fiha nħasdet il-ħajja ta' Sina Sammut, omm ta' żewġ ulied. Minkejja li Sina ma kinitx midħla f'dan id-delizzju, xorta waħda sfat vittma mill-kwiet ta' darha, kaġun ta' inċident tan-nar u għalhekk hija wkoll se tibqa' mfakkra f'qalb kull wieħed u waħda minna.

L-Istorja ta' dawn l-episodji teħodna lura sa mis-sena 1936 u minkejja n-natura sensittiva u s-sentimenti li jdawruha, huwa importanti li matul iż-żminijiet, ma jintesew u jitħassru qatt. Għalhekk, f'din il-għodwa tal-lum, nhar is-17 ta' Awwissu, se tkun il-ġurnata li ta' kull sena fiha dan ir-raħal jonora b'għożża u jfakkar fil-memorja għażiża ta' dawn il-vittmi Naxxarin.

Din l-okkażjoni memorabbli, ser tibqa' mnaqqxa fil-ġrajjiet annwali ta' dan ir-raħal u tibqa' xhieda tul iż-żminijiet li s-Soċjetà Mużikali Marija Bambina, Banda Vittorja kellha l-kuraġġ tagħmel dak li naqas milli jsir. Jalla dawn il-paġni mdallma, f'dan il-kapitlu tal-istorja ma jissoktawx, għalhekk ningħaqdu ma' dawk ta' qabilna u nitolbu bil-ħniena lil Ommna Marija Bambina, Dik li tgħaxxaq il-qalb ta' kull Naxxari, sabiex hi tħarisna u żżommna qawwijin f'dak illi hemm merfugħ għalina fil-ġejjieni.

L-arti piroteknika, hija parti integrali mill-festi tradizzjonali Maltin, li riċentament ġew inkorporati fil-lista tal-wirt kulturali dinji intanġibbli, mill-UNESCO. Fin-Naxxar din il-piroteknika għadha timmanifesta ruħha ta' kull sena kemm bl-isparar tal-murtali kif ukoll bin-nar tal-art u hija xhieda tal-ħila u l-imħabba li n-Naxxarin iħaddnu lejn Ommna Marija Bambina. Minkejja li huma bosta dawk li jitpaxxew b'dawn l-ispettakli, huma inqas li japprezzaw is-sagrifiċċji, id-dixxiplina u l-perikli li huma esposti għalihom dawk involuti. Titwila ħafifa lejn l-istorja riċenti tan-Naxxar malajr tindika li din il-komunità wkoll ħallset prezz qares b'diżgrazzji li ħasdu ħesrem ħajjiet qabel il-waqt u dak kollu relatat magħhom. Għaldaqstant, filwaqt li ngħożżu u nsellmu lil dawn l-ulied denji Naxxarin, inroddu ħajr u nġeddu l-memorja ta' dawk ta' qabilna, biex iż-żmien qatt ma jnessi l-isforzi u l-prezz għoli li ħallsu ta' qabilna għat-twemmin, it-tradizzjoni u l-imħabba lejn raħal twelidhom.

**15 ta' Lulju1928**

Wieħed mill-inċidenti ewlenin magħrufa fin-Naxxar huwa dak li seħħ nhar il-Ħadd, 15 ta' Lulju tal-1928, hekk kif skont ma kien irrappurtat jumejn wara fil-ġurnal, "The Daily Malta Chronicle", iġġarrfet il-kamra tan-nar tal-**Każin Vittorja**. Ċensu Debono (ta' Mabbli - 36 sena), Ġużeppi Fenech (tal-Ħafi - 34 sena) u Salvu Calleja (ta' Kubritu - 29 sena) kienu midruba waqt li kienu qed jistejqru f'kamra fl-inħawi magħrufa tax-Xwieki. Ta' min isemmi li iktar kmieni filgħodu kienu qed jaħdmu flimkien ma' tlettax-il ruħ oħra. Għall-ħabta tal-11.30 ta' filgħodu, instemgħet

tidwi splużjoni qawwija, segwita minn oħra. Il-bini tfarrak mill-pedamenti u s-saqaf tar, filwaqt li l-post inħaraq ġmielu. Kienu tlieta li korrew taħt it-tifrik u wara li waslu l-pulizija, mat-tabib tad-distrett, beda x-xogħol ta' salvataġġ minn voluntiera li nġabru. Meta nħarġu l-vittmi, kienu għadhom ħajjin għalkemm kellhom xokk kbir u ħruq notevoli. Debono kien l-iktar wieħed kritiku fejn kellu kustilji miksura u ġerħa fuq moħħu. Huma ttieħdu immedjatament l-isptar ċentrali f'kundizzjoni fejn issejjaħ qassis u l-maġistrat tal-għassa. Fortunatament ħadd ma tilef ħajtu u kif stqarru dawk midruba, x'aktarx il-kawża tal-inċident kienet is-sħana qawwija li biha qabdu l-istilel tal-kulur li kienu qed jinxfu fix-xemx u taw in-nar lill-kamra ta' ħdejhom fejn kien hemm salt bombi lesti minn kollox. F'dan l-inċident, li spiċċa b'wiċċ il-ġid, kienet intilfet il-kamra tan-nar tal-Każin Vittorja u sal-lum il-ġurnata fis-sede tas-Soċjetà għad hemm ikkonservati ix-xbieha tal-Bambina li kienet tinsab f'dan il-post tan-nar u xi oġġetti oħra.



*Dilettanti tan-nar Każin Vittorja 1927*

## 14 ta' Ġunju 1936

Diżgrazzja li żgur magħrufa sew hija dik li seħħet nhar il-Ħadd, 14 ta' Ġunju tas-sena 1936, hekk kif taret il-kamra tan-nar tas-Soċjetà Peace. Ta' min jgħid li s-sena 1936 kienet is-sena li fiha l-parroċċa Naxxarija kienet qed tiċċelebra l-500 sena mit-twaqqif tagħha. Kien għall-ħabta tal-4.40 ta' wara nofsinhar li n-Naxxar triegħed b'ħoss liema bħalu u fis-sema dehret daħna kbira fl-inħawi ta' fuq il-wied tal-Iklin "Is-Simblija", qrib l-iskejjel. L-isplużjoni tant kienet qawwija li t-tifrik tar u saħansitra spiċċa fit-triq u n-nar dam jaqbad ġmielu. Seba' persuni ġew immedjatament rikoverati l-isptar u fi ftit sigħat ħallew din id-dinja; Salvu Quattromani (ta' Ċampletta – 19-il-sena), Emmanuel Agius (tal-Bonu – 18-il sena), Carmelo Borg (ta' Bejbet – 40 sena) u Giovanni Falzon ta' 17-il sena. Ta' min isemmi li dan iż-żagħżugħ tal-aħħar kellu xortih ħażina ferm għaliex kien jinsab il-kamra sakemm ħadilhom ftit kafè. Proprju l-għada tal-inċident, l-armla ta' Carmelo Borg, kellha twelled tarbija! Il-funeral segwa b'diqa kbira nhar it-Tlieta, 16 ta' Ġunju mill-isptar tal-Furjana għall-knisja tan-Naxxar bl-akkumpanjament tal-*Boy Scouts* li kien għadhom kemm twaqqfu tliet xhur qabel dik is-sena stess, kif ukoll bis-sehem tal-Banda 'Peace'. Il-vittmi ndifnu f'qabar apposta qrib il-kappella taċ-ċimiterju li kien għadu kemm tlesta s-sena ta' qabel. Biss dan ma kienx biżżejjed għaliex it-Tnejn, 22 ta' Ġunju, ingħaqad mal-erba' vittmi Giuseppe Falzon (ta' Klara – 22 sena) biex b'hekk din it-traġedja ħasdet il-ħajja ta' ħames dilettanti.



*Carmelo Borg*
*(Ta' Bejbet – 40 sena)*



*Giovanni Falzon*
*(Ta' Klara – 17-il sena)*



*Giuseppe Falzon*
*(Ta' Klara – 22 sena)*



*Salvu Quattromani*
*(Ta' Ċampletta – 19-il sena)*



*Emmanuel Agius*
*(Tal-Bonu – 18-il sena)*

## 15 ta' Ġunju 1952

Kien il-Ħadd 15 ta' Ġunju, il-festa ta' *Corpus Domini*, meta qrib il-ħamsa ta' filgħaxija korrew fi splużjoni Pawlu Cachia (il-Qonda – 37 sena) missier ta' sebat itfal u Manwel Xerri (Ta' Kamossu – 33 sena), ġuvni li kien diġà ndarab qabel imma ppersista fid-

delizzju. Huma kienu qed jimlew il-murtali qrib xulxin għall-festa titulari f'kamra li kienet tinsab fi triq dejqa viċin xi bini fl-inħawi tal-Gwedja (wara t-*Tradefair*). Il-gazzetta, 'Il-Berqa' tas-17 ta' Ġunju tindika kif bl-isplużjoni, Xerri ġie mixħut fuq ħajt u ndarab serjament, filwaqt li Cachia ntradam taħt it-tifrik ta' ħajt li ġġarraf, b'ġebla mdaqqsa taqa' fuq l-istonku. Sfortunatament, wara li ġie meħlus mir-radam kien f'qagħda kritika ħafna, fejn ittieħed l-isptar San Luqa u ħalla din id-dinja ftit wara. Ta' min jgħid ukoll li l-'Fire Brigade' tal-pulizija waslet malajr fuq il-post u tfiet in-nirien malajr biex hekk ġie evitat li jieħdu numru kbir ta' murtali u bombi li kienu jinsabu fil-qrib. Kien l-għada, is-16 ta' Ġunju, bis-sehem tal-Kumitat tal-Festa, il-Banda Peace, flimkien mal-għaqdiet Naxxarin l-oħra kollha sellmu lil Pawlu Cachia b'funeral xieraq li fost oħrajn ħalla warajh seba' ulied fosthom tewmin fl-età tenera ta' xahrejn (Fredu u Leli Cachia).



*Pawlu Cachia*
*(Il-Qonda – 37 sena)*

**21 ta' Mejju 1969**

Diżgrazzja oħra seħħet nhar il-Ħadd, 13 ta' April tal-1969. Kien filgħodu fejn kienu qegħdin jaħdmu d-dilettanti tal-**Victoria Club**. Kif irrapurtat fil-ġurnali, Karmnu Mifsud (Pilaw – 48 sena) li kien ilu snin jaħdem in-nar b'risq il-festa, kien qed jippostja l-istilla li ħadet in-nar. Minkejja li kien qed isofri minn ħruq estensiv, huwa ħareġ waħdu, talab għall-għajnuna u ttieħed l-isptar. Kellu jkun madwar ħames ġimgħat wara, li ma' dan, żdiedu komplikazzjonijiet addizzjonali u sfortunatament Mifsud tilef ħajtu nhar il-21 ta' Mejju.

Ta' min isemmi li Karmnu Mifsud kien wieħed mill-protagonisti ewlenin fil-qasam tal-piroteknika, flimkien ma' sħabu kien ikollhom programm għall-festa kollha. Kien ilu jaħdem in-nar tal-festa għal bosta snin f'isem il-**Każin Vittorja** u tul is-snin ħadmu miegħu diversi dilettanti Naxxarin, kif bosta minnhom għadhom jirrakkontaw sal-lum.



*Karmnu Mifsud*
*(Pilaw – 48 sena)*

**17 t'Awwissu 1971**

Traġedja li ħasdet il-ħajja ta' tliet dilettanti Naxxarin u membri tal-**Każin Vittorja**, seħħet nhar it-Tlieta 17 ta' Awwissu, lejlet il-festa ta' Santa Liena tal-1971. Kienet ġurnata taħraq b'temperatura għolja ta' 102°F fl-eqqel tax-xahar ta' Awwissu. Kien għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar meta seħħ l-inċident. It-tliet dilettanti kienu qed jaħdmu n-nar għad-dell ta' ħarruba f'għalqa fil-limiti tal-Magħtab. Hu magħruf li Frans Scicluna kien qiegħed jipprepara xi ċentrijiet għall-kulur meta kawża tas-sħana qabdet l-istilla. Frans kellu namra kbira għax-xogħol tan-nar, ta' min jgħid li kien magħruf għall-beraq pront. Sfortunatament, il-vittmi sofrew minn ħruq estensiv u għalkemm twasslu l-isptar b'urġenza kienu fi stat kritiku ħafna. L-ewwel li ħalla din id-dinja fid-19-il jum tax-xahar kien Frans Scicluna (il-Ħal-Luqi fl-età ta' 28 sena) u ftit jiem wara nhar it-23 ta' Awwissu segwewh f'agunija Peter Bonavia (il-Bonu – 27 sena) u Costantino Azzopardi (Tal-Falz – 17-il sena).

Il-Funeral ta' Francis Scicluna sar nhar is-Sibt 21 ta' Awwissu mill-Isptar San Luqa u fl-4:00 ta' wara nofsinhar saritlu l-Quddiesa fil-Parroċċa tan-Naxxar. Il-funeral taż-żewġ vittmi l-oħra sar nhar it-Tlieta 24 ta' Awwissu. Ta' min jgħid li din is-sena, **2021 taħbat il-50 anniversarju mill-mewt ta' dawn it-3 vittmi.**



*Francis Scicluna*
*(Il-Ħal-Luqi – 28 sena)*



*Costantino Azzopardi*
*(Tal-Falz – 17-il sena)*



*Peter Bonavia*
*(Il-Bonu – 27 sena)*

**12 ta' Marzu 2008**

Diżgrazzja riċenti li ħasdet u għeżżet lin-Naxxar kienet dik li seħħet nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu, 2008, mhux biss għaliex ħalliet ħerba kbira proprju fil-qalba

tan-Naxxar u tbatija fuq ir-residenti tal-madwar, imma għaliex inħasdu żewġ ħajjiet; Pawlu Camilleri (ta' Randi – 48 sena) li kien qed jimmanifattura n-nar fid-dar fejn joqgħod u l-ħajja innoċenti ta' Sina Sammat (35 sena) omm ta' żewġt itfal, li kienet tinsab fil-kenn ta' darha. L-isplużjoni seħħet ftit qabel il-ħdax ta' filgħodu fi triq Ħal Dgħejf, maġenb il-mitħna ta' Darninu u kienet tant qawwija li ġarrfet tlett idjar. Din inħasset minn irħula imbiegħda u ksiet il-madwar b'foga għal ħin twil. Kienet traġedja li qajmet rabja kbira u tassew dallmet lin-Naxxar minħabba l-kuntest kontroversjali tagħha.



*Pawlu Camilleri*
*(Ta' Randi – 48 sena)*



*Sina Sammut*
*(35 sena)*



***Ritratt tal-Qoxra***
*Il-kwadru ta' Maria Bambina li kien jinsab fil-kamra tan-nar tal-***Każin Vittorja** *li kien instab qalb it-tifrik tat-traġedja tal-15 ta' Lulju 1928. Illum jinsab merfugħ b'għożża f'waħda mis-swali prinċipali tas-Soċjetà tagħna.*




*Tifkira tad-diżgrazzja ta' nhar l-14 ta' Ġunju,1936.*
*Biċċa mill-bandiera li kienet tinsab fil-kamra tan-nar, tliet skrataċ li kienu jintużaw fil-proċess tal-murtali kif ukoll munita ta' wieħed mill-vittmi. Dawn kollha nstabu dakinhar tal-isplużjoni mis-Sur Lorenzo Zerafa u rregalati lis-Soċjetà min-neputija tiegħu is-Sa. Josephine Gatt.*